# L-Interdett taħt is-Sodda

**Clare Azzopardi**

(Malta)

Il-Għaqda Kreattiva tal-Gruppi
Teatrali Independenti

(L-Ewropa-Il-Mediterran)

**2009**

Bibliotheca Alexandrina مكتبة الإسكندرية
Arts Center مركز الفنون
SWEDISH INSTITUTE ALEXANDRIA
I-act

Il-jeddiet tal-pubblikazzjoni miżmuma mill-pubblikatur.
Ebda tibdil f'dan id-dramm ma jista' jseħħ mingħajr
il-permess bil-miktub tal-awtur. Ebda silta ma tista'
tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor
fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr
il-permess bil-miktub tal-awutur.

e-mail : clareazz@googlemail.com

# L-Interdett taħt is-Sodda

**Clare Azzopardi**

**Clare Azzopardi (1977) kitbet sensiela ta' kotba tat-tfal bl-isem Stilel (Merlin, 2003-2006) u editjat sensiela oħra ta' 12-il ktieb għat-tfal bl-isem Senduq Kuluri/Senduq Buffuri (Merlin, 2005-2007). Bħalissa qed taħdem fuq l-ewwel rumanz tagħha għat-tfal. Azzopardi ppubblikat ukoll 2 novelli bl-Ingliż fil-ktejjeb Others, Across (Inizjamed u Midsea Books, 2005), u ktieb ta' novelli għall-kbar Il-Linja l-Ħadra (Merlin, 2006). Dan kien l-ewwel ġabra ta' novelli u rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-kategorija ta' xogħol fittizju fl-2006. Xogħlijiet tagħha ġew maqluba f'diversi lingwi u dehru f'ġabriet u antoloġiji barra minn Malta fosthom: Focus (Ċipru, 2005/2006), Cuirt 21 (Irlanda, 2006) Lettre (Ungerija, 2006), Kulturas Forms (Latvja, 2006), Transcript (LAF, 2007), Skald (Wales, 2007) u fuq is-sit www.laurahird.com.**

**tidħol Mimì filwaqt li jibda jinstema' l-id il-leminija ta' l-Arċisqof Gonzi rrekordjat f'wieħed mill-meetings tas-sittinijiet, meta s-soċjalisti kienu interdettjati**

Xi 30 sena ilu faqqgħet fi Spanja gwerra ċivili li ma kienet ċivili fl-ebda sens u li kienet l-ewwel sforz li għamel il-komunizmu Russu biex jaħtaf taħt idejh pajjiż bl-armi u kważi rnexxielu. Fi Spanja Kattoliċissima, u għaliex? Għaliex sab is-sodda mifruxa, korruzzjoni fost iż-żgħażagħ bl-istampa, bi stampi ħżiena, soċjaliżmu fost il-ħaddiema u l-intellettwali mimlijin dottrini foloz ta' liberaliżmu, kulħadd idabbar rasu u agħar għalih min ma jistax, ta' lajċiżmu, ir-reliġjon għal ġol-knisja m'għandhiex x'taqsam mal-ħajja pubblika, politika, business, xogħol u divertiment inġenerali, materjaliżmu kullimkien, flus u pjaċir, bla pjaċir u flus. U għalhekk l-Ispanjoli kattoliċissimi taħt il-komunisti u sħabhom ħarqu kemm felħu knejjes u kunventi, qatlu mijiet ta' isqfijiet, biċċru eluf ta' saċerdoti u reliġjużi u nsara oħra u sa mill-

qabar qalgħu lis-sorijiet biex jixħtuhom mażżibel. Dak li ġara fi Spanja kattolika qed jiġri f'Malta kattolika wkoll. Minħabba l-injoranza reliġjuża ta' ħafna u l-malizzja djabolika ta' xi wħud, is-sodda mifruxa sewwa u l-lupu daħal liebes ta' nagħġa imma jidhru snienu u difrejh u denbu wkoll u ħataf iżjed minn ħaruf wieħed mill-merħla Maltija ta' Kristu.

**tkanta**

Pizzi pizzi kaxxa

jiena ma nħallasx taxxa

brimb, wirdien w għanqbut

kull xorta hawn ta' dud.

Kemm jien sabiħa,

It-tifla ta' missierha

qalb dawn l-oqbra mkasbrin

fil-miżbla l-qaddisin?

/suppost kelli nixjieħ/kelli nixjieħ biex nara nibqax sabiħa/imma/ġara li ma xjaħtx/u ma

nafx għadnix sabiħa xorta/

/suppost kellu jkun hawn ritratt tiegħi hawn/ imma naħseb li baqa' fuq il-komodina/jew fil-kexxun tal-komodina jinnamra mar-riħa tal-kamla/x'aktarx riedet iżżommu ommi/dak, l-uniku wieħed li għandi/u naħseb li s'issa d-dmugħ tagħha rnexxielu jqaxxar dik it-tbissima li weħlet miegħu għal ħafna snin/ħeqq kemm jiflaħ idum jitbissem dan ir-ritratt?/suppost kellu jixjieħ/

/qalu li raw is-sriep u d-dud ħiereġ mill-istonku u n-nemus idur fuq moħħi qiegħed/u raw l-iskorpjuni ħerġin minn ħalqi/qalu li jien hekk kien ħaqqni/ommi ħalfet lill-qassis li ma ratx sriep u skorpjuni/ma nafx emminhiex/imbagħad bdiet tgħajjat u twerżaq bil-biża'/u ġġieldet biex jeħduni bis-salib/imma l-ġirien qalulha li ma kienx ħaqqni/fit-triq, il-memorji tagħha tiegħi bdew jaqgħu waħda waħda biex forsi jinbtu/imma n-nisa li kienu joqogħdu ħdejna bdew jaqilgħuhom u jitfgħuhom fiż-żibel għax kienu memorji tal-mistħija/u wara ommi marret

tfittxhom/imma ma sabithomx/imbagħad bdiet tiżra' memorji ġodda kull darba li tiġi hawn/u bdiet issaqqihom bid-dmugħ tagħha/imħeddel/ li nixef malajr/u allura ma nibtux/

/naħseb li għalhekk żammitu fil-komodina r-ritratt/u fuqu għamlet salib/ma jmurx jiġi x-xitan u jeħodulha/

/'qas ix-xitan ma jridni lili ma/

l-aħħar li rajtu għamel xi kwarta hawn waħdu/ jiċċassa fit-telqa li sab/għandu jkun ma kienx ċert liema wieħed kien tiegħi/kien ilu ma jiġi/ ritratt m'hawnx/ismi m'għadux jidher/nassumi li nesa/u baqa' bil-fjuri f'idu/kif qatt nista' ninsieh/suppost kelli niżżewġu/

**tidħaq**

/żgur li kien ikollna ħafna tfal/jien/qatt ma kelli oħti jew ħija/imma t-tnejn li aħna ħabbejna affarijiet oħra/aktar milli ħabbejna 'l xulxin/u wara sena ninnamraw/konna għadna ma żżewwiġniex/ dawn ġibtli? għidtlu, erba' fjuriet tal-plasti?! /sar aħmar nar/rasu baxxuta/

## /skiet/

/idejh wara daru/inħobbok, inħobbok/

/imma ma semagħnix/

/il-fjuri ħadhom lura miegħu/forsi għax ma sabx važett/jew inkella staħa/imbagħad qatt aktar ma reġa' ġie/

## tkanta

Bum bum il-bieb
Onġi onġi onġella,
bum bum il-bieb
onġi o kavallier.

Min ġie, min ġie, min ġie
Onġi onġi onġella,
Min ġie, min ġie, min ġie
onġi o kavallier.

Ġie Pawlu id-deffien
Onġi onġi onġella,
Ġie Pawlu id-deffien

onġi o kavallier.

Xi jrid Pawlu d-deffien?
Onġi onġi onġella,
Xi jrid Pawlu d-deffien?
onġi o kavallier.

Irid tfajla ħażina
Onġi onġi onġella,
Irid tfajla ħażina
onġi o kavallier.

X'se jtiha 'l din it-tifla
Onġi onġi onġella,
X'se jtiha 'l din it-tifla
onġi o kavallier.

Se jtiha post fil-miżbla
Onġi onġi onġella,
Se jtiha post fil-miżbla
onġi o kavallier.

Min hija din it-tifla?

Onġi onġi onġella,

Min hija din it-tifla?

onġi o kavallier.

Din hija Mimì Vella

Onġi onġi onġella,

Din hija Mimì Vella

onġi o kavallier.

Ħuduha la triduha

Lil Mimì m'għandniex x'nambuha!

Ġorruha bla salib

Għax hekk ħaqqhom tal-Perit!

/naħseb li llum tiġi ommi/naħseb li daqt tkun hawn/

/imma jaqaw ilha ma tiġi/forsi għax issa xjaħet/

/l-aħjar, nistennieha hawn/minn hawn naraha tajjeb/

/suppost daqt tiġi/u issa jekk tiġi ddum/iddum iktar mill-aħħar tgħanniqa tagħha li damet

jumejn … tant li xjaħet/

/imbagħad ġew il-ġirien jifirduna/qalu li bdew ixommu riħa tinten daqs il-pipì tax-xjuħ/

/u minn hemm beda kollox/

**hi u miexja ssib xi ħaġa u tiġborha.**

/fl-aħħar/sibtek/

**taħbiha xi mkien**

/jekk illum tiġi nagħtihomlha/ngħidilha ara kemm ġemmajt/daqshekk ilek ma tiġi/ara kemm ġbartlek/dawn kollha għalik/imma lanqas illum m'hi ġejja/naħseb li ilha ma tiġi/ imma ma jistax ikun li nesietni/le hi żgur li le/ anki jekk il-važett ilu vojt u l-petali tal-fjuri taru mar-riħ forsi jinbtu xi mkien ieħor fjuri bħalhom tal-plastik/u x-xemgħa/anki jekk ilha li bgħattiet/hi ma tinsinix/hemm bżonn nidher sabiħa/biex jekk tiġi tarani kif ratni l-aħħar darba li xegħlet ix-xemgħa/

**taparsi tagħmel xagħarha**

/l-aħħar xemgħa li xgħelt kienet quddiem is-salvatur u ommi xegħlet dik ta' quddiem ir-redentur/hekk kienet temmen/kulħadd l-istess/jien kont nemmen mod ieħor/imma kont nifhimha/naħseb li hi kienet tifhem ukoll għax qatt ma staqsietni għaliex/imma mbagħad dawk ix-xenati kollha dakinhar/u l-qassis jipprova jfehemha dak li lanqas hu ma seta' jifhem/u hi tibki u tixher u tgħajjat li jien mara qaddisa/u li jien ħaqqni aħjar minn hekk/

/(u ħallina ma, qaddisa qatt)/

/u li lili ma tistħoqqlix il-parti tax-xjaten/u li suppost il-knisja kellha taħfer/u li hi dejjem baqgħet titqarben/u li jien kont indimt ta' dak kollu li għamilt/

/(mhux vera qatt u qatt)/

/u li kellu jkolli quddiesa kif suppost/

/dakinhar/

/u li riedet tkellem l-isqof/imma dan ma kienx possibbli/u li hi dejjem xegħlet xemgħa quddiem ir-Redentur u l-Qalb tal-Madonna/u li issa se

taqa' s-seħta fuq il-familja/il-qassis jgħidilha li kienet ilha ma tqerr/

/(u anki nitqarben)/

/imma ommi baqgħet tgħajjat/imbagħad leħinha żżarrat u sar mitt elf ħajta sewda/u għerqet fil-viżtu/

**tidħaq**

/allura fhimt li ommi ma kienet qatt fehmet xejn/kienet biss tħobbni u tagħlaq ħalqha/u issa għadu magħluq, bil-memorji tiegħi meħjuta ma' xofftejha/ngħid jien... /il-memorji ma jmutux jekk tmut?/

/jien għadni niftakar/

/għadni niftakar l-iktar ċikkulata tajba maqbuda bejn snieni/l-ewwel bewsa ta' Ġorġ iddub ġo ħalqi/ir-ritmu taż-żarbun bit-takkuna jien u miexja Strada Rjali/kemm kont irrabjata għal Frans dakinhar/

- Ma nistax

- Għaliex? X'għamiltlek?

- Mhux int

- Mela min?

- Ma nistax

- Hemm oħra hux, għidli li hemm oħra u nitlaq ... tibżax ma taranix iktar.

- Le, m'hemmx oħra

- Mela xiex?

- Ma nafx kif naqbad ngħidlek

- X'int ażżmu

- Inħobbok

- Anki jien

- Imma ma naqblux … fuq ħafna affarijiet ma naqblux …

- 'Ħabba l-politka?

- 'Ħabba s-salvatur …

- Għalhekk se titlaqni Frans? 'Ħabba s-salvatur?

- Aħfirli Mimì. Aħfirli.

**tidħaq**

/u bdejt intih bil-ħendbeg/u qlajt iż-żarbuna u bdejt infajjarlu t-takkuna fejn tolqot tolqot/ u hu ma qal xejn/u kif ikkalmajt/beda jbusni kullimkien/

/imbagħad irrabjajt dakinhar li Marija ta' ħdejna kellmet lill-kappillan u qaltlu biex ma jiqafx ibierek id-dar tagħna għax jien mal-ħomor/mal-ħnieżer/u ommi bkiet lejl sħiħ quddiem il-Qalb ta' Ġesu dakinhar/u l-għada mort inħabbtilha l-bieb (lil Marija ta' ħdejna) u għidtilha jekk tridx tidħol membru fil-moviment il-ġdid tan-nisa/u ħarġet għalija bl-ixkupa/

- Nittiena ...

- X'għidtli?

- Għax ma tmurx tinħasel, ja maħmuġa.

- Maħmuġa, iva maħmuġa ... maħmuġa int

- U mur inħasel ja ħmieġ ...

- Kont se ngħidlek x'jien ... għax ma tarax x'inhi bintek ja ...

- Ħanżira int u dak il-ħanżir li hemm magħkom … Ja ħanżir, ara fiex ġabna, ja nittien, missu jistħi, ja ġellied …

**tkanta**

Dawra durella

ħamra ż-żigarella

maktur tal-bellus

biex inxejru ma' l-għarus

**tidħaq**

/tax-xogħol saru jafu imma għamlu tabirruħhom li ma jafu xejn/u baqgħu dejjem jilagħbuha tal-boloh/u dejjem baqgħu jidħqu/imma kien hemm ftit minnhom li ma tkellmux meta għidtilhom li mhux se mmur iktar għax l-imgħallem sab segretarja oħra/u ma daħqux/u l-karti li kellhom fuq l-iskrivanija rajthom jiżżelġu/u s-siġġijiet dakinhar bdew jiġru ma' l-uffiċċju kollu bħal qatta mġienen/naħseb aħjar issib xogħol ieħor Mimì, naħseb li hawn mhux postok, tkun aħjar jekk tibda taħdem xi mkien ieħor/

imma dakinhar ma rrabjajtx/minflok infqajt nidħaq/u kulħadd daħaq/anki l-make-up ta' ġol-kexxun/

/kelli stoċċ lipstick xi mkien/fejn hu?/kien fil-ħendbeg/u jaqaw kelli ċikkulata/imma naħseb li kiltha u nsejt/naħseb li anki ommi nsietni/għax ma ġietx/u jekk ir-ritratt li kellha tilef kuluru/'qas għadha taf kif nidher/

/suppost kelli nsir president/kelli nsir president tal-moviment tan-nisa fi ħdan il-partit/imma mbagħad ġara li mitt żgħira wisq/imma kont ilħaqt sirt viċi-president tal-moviment tan-nisa fi ħdan il-partit/kont nitla' fuq l-ambone/nitkellem b'vuċi ħoxna u minn ħalqi kien joħroġ ħafna ħolm/li llum sar ħrafa li jismagħha biss il-wirdien ta' taħt saqajja/

/ nobogħdu l-wirdien/

/xi mkien kien hawn ħrafa/

**tfittex**

/Jien kelli ħafna ħolm/u llum ukoll sar ħrafa/

bla sħaħar/u rejiet/u prinċpijiet/u ħrafa jekk ma jkollhiex saħħar ma tinftiehemx/

/l-aħħar ħrafa li kont smajt tant kont dħaqt li minn ħalqi beda ħiereġ il-qronfol/kien qalilhieli Ġorġ/u qalli li jħobbni/u minn ħaddejja nibtu l-kriżantemi/għall-bidu li ġejt hawn kien ikolli ħafna fjuri/imma naħseb issa m'għadhomx moda/

**tidher tfittex xi ħaġa**

/insejt x'qed infittex/

/darba kien hawn ħrafa/kienet miktuba fuq żigarella ħamra/kienet fuq waħda tfajla/li mietet 43 sena ilu/u ma baqa' jirrakkontaha ħadd/u fl-aħħar is-saħħara tirbaħ u l-prinċipessa tmut fgata fiċ-ċikkulata/

/issa għandi ħafna/biex jekk tiġi ommi nagħtihomlha kollha rigal/qed tara kif ma nsejtekx jien, int iddawwart ftit ukoll!/

/qed nisma' l-qniepen/

/fuq il-fosos/u nxejjer il-maktur/u nisma' n-

nannu jgħidli …

- Mhux 'l hemm Mimì trid tħares!

- Mela fejn?

- 'L hemm fuq ara!

- Imma hemm ma nara xejn.

- Hemm … Lejn is-salvatur.

- Imma …

- Dawk ta' kontrina.

/u mbagħad bdejt nikber u ma bdejtx nifhem għaliex il-qniepen kienu kontrina/in-nannu dakinhar kien qalli li kien hemm sagristan ħażin li beda jdoqq il-qniepen meta mhux suppost u alla kkastigah u bidlu f'statwa ta' l-irħam b'ħalqu miftuħ iħares lejn il-qniepen/u l-qniepen baqgħu idoqqu/idoqqu/għal dejjem/u hu baqa' jħares lejhom/b'ħalqu miftuħ/

## Mimì tieqaf tisma' l-perit Mintoff f'wieħed mill-meetings ta' żmien l-interdett

Dawna llum qed jgħajru lilna komunisti, lilna ilhom jgħajruna minn ġol-knejjes, minn fuq il-fosos jisservew b'Ġesù sagramentat u aħna qatt lilhom m'għamilnielhom hekk … darba … Kristu kien qed jippriedka … għandhom raġun dawn, ma jridux jisimgħuha l-kelma ta' Kristu u għalhekk idoqqu il-qniepen għalhekk idoqqu l-qniepen … għandhom raġun dawn għax kieku jerġa' jiġi fid-dinja isawwathom b'idejh lil dawn isawwathom b'idejh … darba Kristu kien qed jippriedka, u kien hemm wieħed qalb il-folla riesaq fuqu, u qallu, Mgħallem kif nagħmel biex nirbaħ il-ġenna, biex nitla' l-ġenna, u Kristu dar fuqu, dar fuqu u qallu, agħti kollox lil fqar, itlaq kollox u ejja warajja … aħna nikkalkulawhom bħala nies oħra tad-dinja li qed jieħdu gost bid-delizzju tagħhom u xejn aktar … tfakkarni f'meta Kristu mar Ġerusalemm, daħal ġos-sinagoga, il-knisja ta' dakinhar, u sab il-qassisin minn dina l-knisja għamlu suq u ħareġ minn hemm u keċċiehom 'il barra …

**toħroġ Mimì u jidħol id-deffien. Id-deffien jidher ikun qed jagħmel xi xogħol fiċ-ċimiterju.**

Id-deffien idur idur

lix-xbejbiet qiegħed idur

meta jasal fuq il-fosos

jagħmel żinn, żinn, żinn...

U allura darba 'l Ġiljan għidtlu, jien mhux se noqgħod nilbes ingravajjet, alleċ dis-sħana toqtolni, qalli, żżabbab Ġuż mhux ma tilbishiex, ħaffef mur ilbes, u biddel dak il-ġlekk, dak ħallih għal meta nkunu hemm isfel mhux hawn fuq ... kemm-il darba rrid ngħidlek Ġesu ħanin, illum għandna lil De Piro De Celis, raġel kbir dan taf? U issa jien x'niġi naqa' u nqum! In-nejka hi li kull meta jkollna 'l xi De Piro De Celis ikolli nilbisha u nitbażwar fix-xemx, u alleċ dawn id-de de de żbub u nejk dejjem fis-sajf imutu.

Jien ħafna drabi niġi nitnejjek, niġi nitnejjek minn min u kif u x'fatta. Jiena tini l-kaxxa u l-kazzola, u ejja ħa nitfgħek, issa jekk hux

saqajk 'l isfel jew rasek 'l isfel mhux xorta, la mejjet ngħid jien! Xiż-żobb, dal-ħafna biki u pompi, u pożi, u mkatar, u tislim, u talb … jiena tini x'nidfen u ejja ħa mmorru … Imma Ġiljan ma kienx hekk!

U terġa' u tgħid hawnhekk mhux kulħadd l-istess. Iva, ħej, lanqas wara mewtek. Min jindifen f'taqsima A u min f'B. Min fil-com-par-ta-men-to ta' fuq nett u min f'dak ta' isfel. U anki d-deffien jilbes ġlekk jew ġlekk. Żarbun, jew żarbun. U ħaġa ta' l-iskant… taf min iżerżaqli erbgħa minn dawn wara d-difna? Eeee ħijjos! M'għandekx għax taħseb …

Hawnhekk m'hawnx ugwaljanza, kien jgħidli Ġiljan, kelma tqila din, imma trid titgħallimha la bdejt taħdem hawn, hawnhekk, jiġifieri mhux kulħadd l-istess, dak imbagħad jarah Alla … hawn skond kemm għandek minn dawn ara … daħħalha f'rasek din. Ikollok tifhem, kien jgħidli Ġiljan … tifhem li f'ħajtu, min kien avukat u min bidwi wara kollox, u allura ma tistax tippretendi li l-bidwi jiġi midfun ħdejn l-avukat. Ħeqq!

U Ġiljan ukoll kien jinbidel fil-compartamento A, u addio ħobż bil-butir u l-montadella, le ħijjos, dawk kien jinsihom f'tal-puliti … u tarah irodd is-salib ukoll (issa dan ma kien jemmen b'xejn għax darba qalli li kemm kien ilu jaħdem hawn ma baqax jemmen) taparsi kien jiddispjaċih, u nniżlu t-tebut bil-kalma fil-compartamento A, u kien iġiegħel lili ninżel fil-qabar biex hu jibqa' jidher, u ma jgħajjatx miegħi, iżomm kalm daqs il-mejjet ta' ġot-tebut, (ħalliha mbagħad, iwaħħalhuli kif jitlaq kulħadd) biex juri li hu deffien ta' klassi … u meta kien idabbar xi ħaġa kont nisimgħu jgħid, le sinjur jaħasra dan xogħli, u narah jiftaħ idu x-xellugija xorta waħda, u mbagħad, nitlob għalih sinjur, kien bniedem kbir is-sur, kien bniedem kbir, itih il-Mulej il-mistrieħ ta' dejjem, u jitfa' l-flus fil-but, u ara ma jmurx itini xi ħaġa … anzi, kien iġegħelni nistenniehom jitilqu … (ħaġa li nagħmluha rari, meta jkun hemm xi ras kbira biss) b'rasna baxxuta naqraw l-ostra kelmiet tan-nies li jafu ħafna skola …

U darba kont staqsejtu, allura ngħid jien l-

isqof qatt ma jindifen hawn? Qatt m'aħna se nidfnu xi isqof? Jien irrid nidfen isqof, għax s'issa lil kulħadd dfint ħlief lil xi isqof … imma din bħal ta' l-avukat u l-bidwi, kien qalli li dawk fil-katidral jindifnu biex anki t-turisti jżuru l-qabar tagħhom u biex Alla jżomm għajnejh fuqhom il-ħin kollu, għax hawnhekk, kien jgħidli, hawnhekk m'hawnx allat, f'dan iċ-ċimiterju, jien u int, u l-għassies, kien jgħidli, u dejjem nistennew lil gvern joħroġ applikazzjoni oħra għax ma nistgħux inlaħħqu.

Xi kultant nibda ngħid, imma madonna kemm il-alleċ se jesa' nies dan l-ostra ċimiterju … kulħadd irid jindifen hawn! Boqq! Ma nafx kemm-il elf hemm jistennew l-ostra permess għal biċċa qabar għall-familja. U lesti li jħallsu l-eluf! Sitt elef, biċċa qabar! Daqs garaxx. U mela! Hekk nibqgħu. Nixtri qabar għal biċċa mejjet flok garaxx għal xi karozza babaw. Ma nafx jien x'se nagħmlu erbat ijiem oħra! U wara kollox dal-gvern ma jridx joħroġ iktar permessi. Ħeqq mhux ovvja jekk m'hawnx iktar post! U allura hawn xi tlett elef jistennew, u

hekk se jibqgħu naħseb, sakemm imutu, **jidħaq**, u jien nitnejjek, **jidħaq**.

Ħa ngħidlek, jiena kieku għandi soluzzjoni. Imisshom jibdew jaħarquhom u jagħtu l-irmied lill-familji tagħhom biex jiħduh magħhom id-dar … imissha toħroġha liġi din il-knisja. Kull min imut jinħaraq għax m'hawnx post fejn jindifen. U haw ngħid jien, fuq dil-biċċa blata, 'qas fejn noqogħdu m'hawn, aħseb u ara fejn nindifnu! Imbagħad jien inżarma, għax imbagħad ma naħsibx li jkollhom iktar bżonni, imma u ija xiż-żobb…

Darba Ġiljan kien qalli li barra hekk jagħmlu, jagħtuhom in-nar u jitfgħu l-irmied f'važett ċkejken, u tal-familja jiħduh id-dar u jpoġġuh f'xiħoġor tat-tieqa, jagħmlulu l-fjuri u jixegħlulu xemgħa. U darba Ġiljan qalli li kien hemm mara (mhux Malta ta, għax madonna Malta għadna lura, għadna qisna qed ngħixu taħt ma nafx min, taħt dak, tal-bokkla kien jgħidlu missieri, għax dak żammna lura) insomma kien hemm mara, xi mkien l-Amerka jaqaw, li r-raġel tagħha tant

kienet tħobbu li wara li miet, u ħadet l-irmied tiegħu ġo vażett, bdiet titfa' ftit minnu ma' l-ikel. U damet sejra hekk għal xi sitt xhur, sa ma nħela kollu. Imbagħad mietet. Imbagħad lilha ma nafx ħarquhiex u kiluhiex u mitux ukoll!

Jien meta mmut żgur li ngħidilhom jaħarquni kieku, għax issa, wara das-snin kollha naħdem hawn, ma rridx nindifen hawn. Aħarquni u ħuduni d-dar magħkom, ngħidilhom, ħa nibqa' nidhrilkom bil-lejl … **jidħaq** ħa nġenninkom anki wara mewti, **jidħaq** u mbagħad naħseb jibagħtuni nieħdu … **jidħaq**

Ġiljan darba, issa ilu ftit, kien saqsieni hemm x'ġibt miegħek sieħeb? Għax kelli l-mp3 player insomma u sieħbi kien tefagħli xi mitejn kanzunetta fih. Insomma hawnhekk kienet bdiet taqbiżli fil-bidu li ġejt, daqs dan kwiet! Ma stajtx nidra u nsomma ġibtu miegħi. Ħa nara ftit, kien qalli, u ħadli l-headphones minn widnejja, għidtlu int fiex tifhem Ġil, qalli eeee, fiex nifhem, x'qed taħsibni? U wara ftit jisma' qalli, dan naf min hu, dan naf min

hu, u żgur, qalli, imma nsejt x'jismu, imma naf li dan kien kantant kbir, u miet, ilu ftit u dan qiegħed midfun Pariġi, qalli hemm, Pariġi, hemm ċimiterju kbir, ikbar minn Malta kollha, u fih hemm miljuni ta' nies midfuna, u qalli li dan il-kantant qiegħed midfun hemm ukoll, qalli li kull sena jmorru miljuni ta' nies, patafjun ta' nies jarawh u jpoġġulu l-fjuri. Allura jien iddeċidejt li mmur xi darba, u mmut hemm u nħalli nota, biex jidfnuni ħdejn il-kantant famuż fiċ-ċimiterju l-kbir ta' Pariġi. Jien basta ma nindifinx f'dan l-ostra Addolorata. U jien naħseb li issa wara kollox, issa li dħalna fl-Unjoni Ewropea, issa nista' nagħżel fejn nindifen le? Ħeqq hawn min qed jagħżel fejn imur jaħdem, min jagħżel fejn imur jgħix u naħseb li jien nista' nagħżel fejn nindifen. U allura jien nagħżel li nindifen fiċ-ċimiterju l-kbir li hemm Pariġi u jekk jiġu bin-nejk inqegħedhom jien. Inqegħedhom.

Wara ftit li bdejt naħdem ma' Ġiljan, kien qalli, trid tisma' ħrafa? Għidtlu, x'ħrafa ħrafa int? Minn dawn ta' Ġaħan? U qalli hux Ġaħan int, qalli din ħrafa li mhux kulħadd jafha, imma la int

deffien għandek tkun tafha xbin … u poġġejna taħt siġra ħdejn tal-komun u beda jirrakkonta. Qalli, darba waħda hawn Malta, kien jgħix perit. Perit qsajjar u ta' rasu iebsa. U qalli li dan il-perit kellu ħolma, ħolma li kien lest li jagħmel kollox biex iwettaqha u ħadd ma kien se jwaqqfu. Hu ried li jibda jmexxi lil Malta u l-Maltin. Qalli, issa fl-istess żmien, kien jgħix f'Malta isqof. Isqof twil u rqiq, u ta' żaqqu f'fommu. Anki dan l-isqof kellu ħolma qalli – li jmexxi lil Malta u l-Maltin fit-triq it-tajba biss. Issa Malta dak iż-żmien, qalli, kienet maħkuma mir-reġina s-sabiħa u kienet ilha iktar minn mitt sena taħt difrejha. Ma kienx se jkun faċli għall-perit biex iwettaq il-ħolma tiegħu, anki għax biex iwettaq din il-ħolma, l-ieħor kellu jċedi l-armi, u l-ieħor ma kienx se jċedi daqshekk malajr … Ġara li l-perit u l-isqof spiċċaw fi gwerra, u l-poplu nqasam fi tnejn … min jgħajjat "Viva l-perit!" u min "Viva l-isqof!" Min ipoġġi x-xemgħa quddiem l-isqof u min ipoġġiha quddiem il-perit.

Il-gwerra damet għaddejja s-snin, il-poplu jitqabad u jiġġieled u jirrabja u jitbikkem …u

l-isqof kien minn fuq għal ħafna snin … imma l-perit ma qatax qalbu … kien jaf li xi darba kien se jirbaħ …

Imbagħad, jum wieħed, kompla Ġiljan, il-perit u l-isqof iltaqgħu, issakkru ġo kamra u għamlu sigħat twal jitħaddtu u jitlewmu affarijiet li ħadd ma jista' jifhimhom, jitgħajru u jitħaddtu sakemm tfaċċa l-qamar u t-tnejn li huma ħarġu bi tbissima id f'id. Il-gwerra kienet spiċċat, il-ftehim intlaħaq, bla ħadd ma jaf kif … u l-poplu tbikkem għax ma fehemx u rrabja għax ried spjegazzjoni… imma wara ftit nesa u beda jgħajjat "Viva l-perit u l-isqof!" U r-reġina ferħet ukoll. Il-perit ħa r-renju f'idejh u dam jirrenja għal snin twal, sa ma l-poplu xeba' u tqalla' u ddejjaq u dar kontrih. Qalli, issa għaliex qed ngħidhielek, qed ngħidhielek għax f'dak iż-żmien anki ċ-ċimiterju kien maqsum, biċċa għan-nies tal-perit u biċċa għan-nies ta' ma' l-isqof u din trid tifhimha int ħijjos la qed taħdem hawn, qalli, fiż-żmien il-battalja, kien hemm ħajt li jifridhom, imma mbagħad meta tela' l-perit waqqgħuh. Imma qalli li jekk xi

darba ninżel 'l hemm isfel u nħoss xi ħaġa mhux tas-soltu, dak għaliex jista' jkun li għad fadal xi ruħ hemm tiġġerra, u allura jien iddeċidejt li qatt ma ninżel hemm għax dawn l-affarijiet mhux tas-soltu ma jinżlulix.

U insomma mhux ħaġa normali li jkollok provru għad-difna, imma mhix ħaġa ta' barra minn hawn lanqas. Jien għalija l-isbaħ difna. Avolja jkun hawn riħa taqsam ta' mewt u ta' mejjet jew mejta skond xi jkun. Ġiljan dejjem kien jgħid li l-povri jkunu jintnu iktar mill-oħrajn għax idumu fil-kamra mortwarja. It-tobba jdumu jistennew xi jumejn forsi jiġi xi ħadd għalihom, imma qatt ma jiġi ħadd, (ħeqq għalhekk povri naħseb) u allura kif jaslu hawn inittnu post. Jien ukoll. Jien ma rridx ħlief biċċa kaxxa sempliċi, salib, u erba' talbiet mill-qassis, u ejja ħa mmorru. U la biki, u lanqas xenati. U jekk xi darba jkolli tifla ngħidilha jien, ngħidilha ara ħi m'hemmx biki u ċirimonji u nejk u żbub, kollox sempliċi jien irrid, kollox kwiet, hekk bħal tal-povri ngħid jien. Imma skond Ġiljan żgur alleċ li ħadd ma jkun irid imut povru, għax mhux sew

ma jkollokx lil xi ħadd imġiddem jibkik, u jien lil dan Ġiljan xi drabi ma kontx nifhmu għax joħroġ b'kull waħda ta' l-injoranti daqs kif joħroġ bihom il-Prim … Ħijjos kont ngħidlu, ma tafx kemm trid flus għas-santi, għall-kartolini, għall-fjuri, għax-xemgħat, għall-quddiesa, għar-reffiegħa, għall-qassis, għall-karozza, għal tat-taxi, għat-tebut sabiħ u jleqq (biex kif jiġi f'idi ntih xi daqqa) għal-lapida jew monument ta' l-irħam, u mhux hekk ħijjos, u billi jkollok lil xi ħadd jibkik eh? Ġiljan, int min se jibkik allura? kont ngħidlu (għax dan Ġiljan, qatt ma żżewweġ) u naħseb li qatt ma ħabb ħlief lil Konċetta li ilha mejta mill-1901. Kont narah spiss fuq il-qabar tagħha, naħseb li beda jħobbha mir-ritratt u naħseb li qatt ma ħabb f'ħajtu, u jkolli ngħid ma kinitx miżżewġa u kienet minn tat-tajjeb, u allura ġieli smajtu jgħidilha xi ħaġa.

Imma hu qatt ma qalli xejn fuq Konċetta u l-unika ħaġa li kien jgħidli kienet li jekk jista' jkun ma jixtiqx jindifen bħal povru, u jien allura kont inserraħlu rasu li jkun hawn jien, għax ħeqq, jien iżgħar minnu hux, u Konċetta (hekk

jew hekk dik ilha hawn u mhux se titlaq) imma kont nigdem dan l-ostra lsien u ma ngħidlu xejn fuq Konċetta, għax din Konċetta ġġilidna fuqha darba u għal ftit ma blajtx il-kannierja …

L-iktar ħaġa li nieħu gost meta nnaddfu xi qabar. Ostra dejjem lili kien jitfa' fil-qabar, u ħalli għalija kollni nejk kont inbellagħhielu li l-mejjet għadu ħaj, Ġil, ostra, Ġil, dan għadu ħaj tafx! U ħanina dejjem kien jiblagħha. Ninżel bl-ingwanti tal-Vileda u l-pala u l-qoffa ta. Armat sew ninżel.U x'ħin inkun hemm taħt niġbor l-għadam u hekk u nibda ngħid, min jaf x'ras kien dan? U nnaddaf insomma u nitfa' fil-qoffa, u mbagħad kif niġbed il-ħabel itella'. Imbagħad kollox għal ġol-bir. Il-ħwejjeġ għalihom, u l-għadam għalih u hekk insomma. Noqgħod nara ta' liema ditta libbsuh lil dan biex difnuh, u Ġiljan kien jgħidli li jien m'għandix x'nagħmel u li jien nofs ras, u jien kont ngħidlu li hu kien jibża' għax qatt ma niżel ġol-qabar bħali, u hu kien jgħidli li dak ix-xogħol hu xeba' jagħmlu u issa kien imiss lili nagħmlu, Ġil, Ġil, ara qam dan tafx! X'nagħmel? Qam tafx, qam …

U l-iktar ħaġa li ddejjaqni meta fl-ewwel ta' Novembru nidfnu l-fetijiet tan-nisa kollha li kellhom xi problema fit-tqala u allura mititilhom it-tarbija. Dak biki u twerżiq. Imma, insomma jiena ma ntihomx tort lil dal-povri nisa, għax ngħiduha kif inhi, dan ikollok tarbija, tmutlek wara xi għaxar ġimgħat, imbagħad jgħidulek, le ħijjos, ma tistax tidfinha tafx. Trid tistenna sitt xhur jew sena, sakemm jinġabru iktar fetijiet u nidfnuhom kollha f'daqqa. Ħeqq, ħeqq, ara kif iħossuhom dan-nisa! U mbagħad jitfgħuhom ġo borża, lil fetijiet eh, u jwaħħlulhom xi tabella bl-isem u jiffriżawhom. U ħeqq jiddispjaċini jien għalihom hux. Imma ħeqq ħijjos, dawn iridu jifhmu wkoll li hawnhekk aħna m'aħniex b'idejna fuq żaqqna u ma nistgħux noqogħdu nidfnu 'l kull fetu waħdu waħdu. U insomma din l-iktar ħaġa li ddejjaqni lili, u lil Ġiljan darba kont għidtlu, u kien qalli li jien suppost xejn ma jdejjaqni, u jekk jibdew idejquni dawn l-affarijiet, nista' naqbad u nżarma.

Darba lil Ġiljan kont għidtlu, li barra minn Malta saru jiħduhom fuq il-mutur lill-mejtin

u hu qalli, xiex? U ħallini ara, int jaqaw qed toħlom? U għidtlu li vera qed jiħduhom fuq il-mutur u għidtlu li kieku idea tajba għal Malta ħalli ma jeħlux fit-traffiku, u għidtlu, ara, jien iddeċidejt li jekk immut, ngħidilhom jiħduni fuq il-mutur, għax naqta' rasi taħt mannara li kieku, meta mmut jien, ma jkunx hawn karozza tal-mejtin imġiddma biex iġġorrni għax ikunu kollha barra, jew inkella jkun hemm nofshom bil-ħsara, u kieku mutur isibu żgur u jien ma fini xejn, mhux se nkun tqil biex iġorruni, u jekk jinfaqgħu jidħqu ngħidilhom li barra minn Malta hekk jagħmlu. Imbagħad nara 'l Ġiljan mogħxi waħda u sew u qalli li aħna 'l Maltin għadna lura daqs dak iż-żmien meta kien hawn biss id-Deżerta u xejn iktar, u għalhekk bqajna bil-karrijiet l-antiki, u kemm kemm 'qas iridu jagħtu liċenzja lill-karrijiet il-ġodda u s-sbieħ aħseb u ara lill-muturi. U insomma xi kultant Ġiljan kien ikollu raġun biex ibigħ. Hux vera sieħeb?

Ilbistlek l-aħjar ġlekk jien, u l-aħjar żarbun, u anki l-ingravata għalik ilbist. Għall-grazzja t'Alla

li naħseb jinsab fis-sema, ħallejtna fix-xitwa Ġil! U ija, int hekk ħaqqek, erħilha li qabbiżtli ċ-ċinga minn jaf kemm-il darba, ir-rispett kollu tad-deffien, ir-rispett li jien qatt ma kelli għall-oħrajn. U forsi issa, ħijjos, tiltaqa' ma' Konċetta tiegħek, u forsi lili jibagħtuli deffien ieħor, alleċ, ara, ma nibdiex, għax nibda nsalli, taf li issa ħarġet dik l-ostra applikazzjoni, ja poxt 'l hu, ara ma jħallasx paga żejda dak il-poxt, nirrah jegħreq f'demmu … u issa ġej bl-over-time jien, ara wkoll, fejn qatt ħdimt bl-over-time jien, u jien naf, naħseb daqt inżarma sieħbi jien ukoll … eh Ġiljan. Xi tgħid?

**joħroġ id-deffien**

**jinstema' l-id il-leminija ta' l-Arċisqof Gonzi– irrekordjat f'wieħed mill-meetings tas-sittinijiet, meta s-soċjalisti kienu interdettjati (bejn l-1960 u l-1964)**

… mela dawk li tant isemmu l-enċikliki tal-papiet imma jidher ċar li qatt ma studjawhom, ma jafux li pereżempju l-Papa Piju ħdax iddikjara ċar u

tond li s-soċjaliżmu, kemm bħala fatt storiku, kemm bħala dottrina u kemm bħala moviment, huwa ta' min jikkundannah. Is-soċjaliżmu huwa ħażin għax jisraq id-drittijiet ta' kulħadd u jagħtihom biss lill-istat … il-bniedem skond is-soċjaliżmu m'għandu xejn tiegħu ħlief dak li jippermettilu jew jisilfu l-istat … il-familja, dejjem skond is-soċjaliżmu, l-istat jiddeċiedi kif tintrabat u kif tinħall, kemm u kif u fejn jiġu edukati l-ulied u jieħu taħt idejh l-art, il-fabbriki, l-industriji, saħansitra d-divertiment, mhux biss, imma idea stess tal-ħajja skond is-soċjaliżmu hija kuntrarja għall-idea tal-ħajja skond il-knisja. Is-soċjaliżmu jrid il-ġenna fuq l-art u ma jimpurtahx mill-ġenna l-oħra, il-vera, kif ma jimpurtahx mir-ruħ u mill-ħajja tar-ruħ. Għalhekk is-soċjaliżmu ma jistax ma jkunx lajċista jiġifieri ma jistax ma jwarrabx ir-reliġjon mill-ħajja ta' kuljum u jipprova jagħlaqha fis-sagristija fejn jippermettilha li tilgħab bl-istatwi, bl-inċens, bil-gandlieri, bil-qniepen, biċ-ċerimonji u bil-purċissjonijiet skond id-devozzjoni privata ta' kulħadd, iżda

jekk ir-reliġjon … tgħolli leħenha kif għandha tagħmel ir-reliġjon nisranija u kif dejjem għamlet u kif dejjem tibqa' tagħmel … ma tistax għalhekk tkun iktar ċara l-konklużjoni tal-Papa Piju ħdax b'dik l-enċiklika tant imsemmija u tant mhix magħrufa Quadragesimo Anno li l-ebda veru nisrani ma jista' jkun veru soċjalista u jekk mhux veru soċjalista allura lanqas l-isem ta' soċjalista m'għandu jżomm jgħid il-papa.

## tidħol Mimì

/U darba ddeċidejt li mmur naqla' l-karti minn fuq iz-zuntier/il-karti li kien jgħidilhom l-isqof biex iwaħħluhom/u ssuppervjajt u ma bqajtx nidħol il-knisja/u la mort inqerr iktar u lanqas nitqarben/għax ma stajtx nifhem x'kellu x'jaqsam ir-redentur mas-salvatur, anki jekk ommi kienet tpoġġilhom xemgħa t-tnejn li huma/u lanqas stajt nifhem x'kellha x'taqsam il-Ħelsien mad-dnub il-mejjet meta l-iskola u l-mużew kienu jgħidulna li iktar ma taqra iktar titgħallem/u ma stajtx nifhem kif f'daqqa

waħda sirna tas-salvatur, jagħtu ma' tar-redentur/u ma stajtx nifhem kif l-isqof kien jifhem fil-politka ukoll/u kif ommi kienet tgħid li dak bniedem qalbu tad-deheb/u kif Marija ta' ħdejna kienet tgħajjar lil ommi maħmuġa meta ommi kienet tinħasel darbtejn kuljum/u kif il-qassis ma kienx jagħtiha l-assoluzzjoni meta kellha dnubiet venjali biss/u kif lil Marija ta' ħdejna kien jagħtihielha/u allura ma stajtx nifhem ħafna affarijiet u ma nafx issa jekk qattx nerġa' nidħol fi knisja/u insomma, kien hemm żmien meta bdejt nasal biss sa fuq iz-zuntier/u darba fuq iz-zuntier/kien hemm jaqla' l-karti mwaħħla mal-ħajt, Ġorġ/u qalli li kieku kien għad hawn l-inkwiżizzjoni f'Malta, kieku diġà qaxxrulna l-ġilda biċċa biċċa u tawna n-nar/u beda jidħaq/

/imma jien ma dħaqtx, għax ma kinitx tad-daħq/

/Kelli ħafna gazzetti/taħt is-sodda kont inpoġġihom/għax ommi kienet tgħidli biex naħbihom/għax kienet tibża'/jien qatt ma bżajt/u mbagħad ġibtilha 'l Ġorġ/qaltli jekk

lilu trid, lilu ħu/u xtaqt ngħidilha li m'għadnix verġni/u li iva lilu rrid/u li iva lilu biss/imma issa la tiġi ngħidilha/għax issa tifhimni/għax issa jekk tiġi, iddum/

/u jkolli ħin ngħidilha/

## tippassiġġa bil-fjuri f'idejha

/ngħidilha biex dawk il-gazzetti ma tħallihomx taħt is-sodda u toħroġhom fuq il-ħoġor tat-tieqa fejn ikun jista' jaqrahom kulħadd/jew titfagħhom fil-parapett biex min jistħi jixtriha jiġbor waħda b'xejn/ngħidilha tmur għand Maria ta' ħdejna u tagħtiha waħda u tgħidilha li Mimì mhux bħal bintha/

/ngħidilha li dakinhar li ma bqajtx verġni, iz-zuntier imtela' bil-ward u l-qronfol u l-knisja bdiet tarmi ż-żahar/u issa mank fjura tal-plastik li tfakkar lil kulħadd li jien midfuna hawn/f'din ir-roqgħa/nistenna s-salvatur/ngħid jien… /jekk tmut mhux ismek fuq il-lapida biss jibqa'?/u allura ngħid jien…/jekk kuluru jkun tefa għal kollox x'jibqa?/u allura…/

jekk ħadd ma jkun jaf li jien midfuna hawn?/ għaliex se nibqa' hawn?/u allura l-karti li qlajt minn fuq iz-zuntier qlajthom għalxejn għax ismi mhu miktub imkien/u 'qas ommi m'għadha tiġi/u allura ngħid jien.../la ħadd ma jaf li jien midfuna hawn, għalxejn ġejt midfuna hawn/u allura l-ġenn kollu li qlajt għalxejn qlajtu ma dakinhar/għax issa ħadd ma jaf bih/u bis-salib u bla salib allura issa ma tfisser xejn/għax ismi mhux hawn u jien ma neżistix/

/kelli l-karti fejnhom?/u kelli ritratt, jaqaw baqa' fuq il-komodina/u ismi nsewh id-dar/jew waqa' fit-triq u ma nibitx/inkella sabitu Marija ta' ħdejna u girfitu biex ma jibqax jingħaraf/ la tiġi ommi kollox ngħidilha/imma għandu jkun mhix ġejja llum/għax issa ilha ma tiġi/forsi, għax id-dar imtliet bil-qronfol u ma tistax toħroġ/jew inkella tant bkiet li għerqet/

/Waslet/

/kelli stoċċ lipstick aħmar/u ftit kulur għal fuq ħaddejja/irrid nidher sabiħa/għax illum l-aħħar darba li se tarani/

**tibda tagħmel xagħarha**

/u nixtieq nuriha li bqajt sabiħa/u li għadni hawn nistenna lilha/ma ngħidilhiex li hawn kollox imlaqqat/li ismi m'għadux jeżisti/ inkella tinkwieta/u ma ngħidilhiex biex tiftakar f'dakinhar/inkella nweġġagħha/lanqas nistaqsiha x'għamlet bihom il-gazzetti/u r-ritratt/u jekk għadhiex tixgħel ix-xemgħat fil-kuritur/jew jekk għadhiex tara 'l Ġorġ/

/u le ma dak issa żmien ilu/

/almenu urini li rajtni/xejjirli ftit/

**ixxejjer**

/urini li taf li jien qiegħda hawn/

**ixxejjer**

/għandi dawn kollha x'nagħtik/arahom/

**toħroġ ħafna u ħafna karti jew inkella affarijiet oħra li tkun ilha tiġbor minn ma' l-art**

/ili nġemmagħhom għalik/

/jew tridni nimla' ħalqi bil-fjuri?/

/jew tridni nimla' ħoġri bl-ittri ta' ismi li m'għadu jafu ħadd?/

/kellimni/xejjirli/urini fejn sejra/jew issaqtajt qalbek li xi darba għad tifhimha lil bintek?/

/u r-ritratt ħallejtu fil-kexxun tal-komodina?/

## /għebet/

/Suppost kelli nixjieħ/kelli nixjieħ biex nara nibqax sabiħa/qalu li raw is-sriep dakinhar/